# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

## IS-SEBA'  LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 478**

**It-Tnejn 12 ta' Ġunju, 2017**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' fl-Uffiċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq iċ-Ċawsli, Ħaż-Żabbar, fis-6.15 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Marc Vella Bonniċi – Sindku
Joseph Buttigieg – Kunsillier
Brian Spiteri – Kunsillier
Joseph Vella – Kunsillier
Anna Calleja – Kunsilliera
Joseph Bonnici – Kunsillier
Joseph Agius – Kunsillier
John J Pace – Kunsillier

**ASSENTI  b'APOLOĠIJI**

Mark Grech – Kunsillier

**UFFIĊJAL  PREŻENTI:**

Ranier Busuttil – Aġent Segretarju Eżekuttiv

## 478.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

478.1.1 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur Mark Grech fejn talab li jiġi skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Mark Grech jiġi skużat.

## 478.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

478.2.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni fil-paragrafu 477.5.16 u minflok il-kliem 'Is-Sur Joseph Agius talab sabiex jitwaħħal *bus shelter'* jidħol il-kliem 'Is-Sur Joseph Agius talab li jissaqqaf il-*bus shelter*'.

478.2.2 Il-minuti tal-477 laqgħa ġew unanimament approvati kif emendati fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace.

## 478.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

478.3.1 Inqrat korrispondenza mibgħuta minn Transport Malta fejn il-Kunsill ġie nfurmat dwar ir-responsabbiltà tal-Kunsill issa li kien tlesta x-xogħol ta' *resurfacing* fi Triq il-Fustan u fi Triq Papa Piju X11.

478.3.2 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace, il-Kunsill qabel unanimament li jippublika avviż bi ħlas ta' €60 fil-pubblikazzjoni Storja u Kultura f'Ħaż-Żabbar tas-Sur Malcolm Schembri.

478.3.3 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill qabel unanimament li jorganizza l-attività *Annual Presentation Night* flimkien mas-*St Patrick Youth Football Nursery* u li jingħataw *mementos* tal-okkażjoni, liema spiża m'għandhiex tkun ta' aktar minn €800.

478.3.4 Is-Sindku qal illi waqt laqgħa li kellu mas-Sinjura Nadia Galea Sant, ġiet diskussa l-possibilità li jiġi organizzat kors ta' tmien ġimgħat għal nisa vulnerabbli.

478.3.5 Is-Sindku tkellem dwar il-possibilità li jiġu organizzati tombla għall-anzjani kif ukoll korsijiet taż-zumba fit-Teatru Grieg matul il-ġranet tas-Sajf.

478.3.6 Is-Sindku qal illi kien tneħħa wieħed mit-taraġ li kien hemm fuq il-bankina tal-iskola Primarja B fi Triq Santa Tereża

478.3.7 Is-Sindku qal illi kienu għaddejin diskussjonijiet sabiex ~~jitneħħa t-taraġ~~ tiġi rranġata l-bankina li hemm quddiem il-Bank of Valletta fi Triq is-Santwarju fil-ġranet li ġejjin. (Emendat)

478.3.8 Is-Sindku qal illi kien ġie ffirmat il-ftehim ma' Transport Malta sabiex isir xogħol ta' *resurfacing* mill-Gvern Ċentrali fi Trejqet San Franġisk, Triq San Leonardu, Triq San Ġużepp u Trejqet Wied ta' Mazza taħt l-iskema għall-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali 2014-2020.

478.3.9 Is-Sur Joseph Vella qal illi kien qed jipprepara applikazzjoni flimkien mal-Perit George Buhagiar sabiex tiġi *resurfaced* Triq Ħas-Sajjied taħt l-iskema għall-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali 2014-2020.

478.3.10 Is-Sindku qal illi kienu ġew installati żewġ *CCTV cameras* fi Triq iċ-Ċimiterju mill-*Cleansing Department.* Is-Sindku qal ukoll illi kien tpoġġa *bin on wheels* fi Triq iċ-Ċimiterju sabiex ir-residenti ta' din it-triq jitfgħu l-boroż tal-iskart domestiku fiha.

478.3.11 Is-Sindku qal illi kienu tressqu xi numru ta' persuni li nqabdu jarmu rimi ta' skart illegalment madwar il-*bring in sites* f' Ħaż-Żabbar.

478.3.12 Is-Sur Joseph Buttigieg talab sabiex il-Kunsill jitlob lill-*GreenPak* biex twaħħal *CCTV camera* permanenti madwar il-*bring in sites* li hemm fi Triq tal-Labour peress illi kienu qed jintużaw ħażin.

478.3.13 Is-Sindku tkellem dwar ix-xogħol ta' *resurfacing* li qed isir fi Triq il-Kunvent u fi Triq iċ-Ċawsli mill-Ministeru għat-Trasport u Infrastruttura u qal illi d-dewmien fix-xogħol kien dovut minħabba li ried isir tibdil fil-*wearing course* tat-triq. Dan it-tibdil kien jinkludi varjazzjoni fil-kuntratt tar-*resurfacing* ta' dawn it-toroq Is-Sindku qal ukoll illi x-xogħol ta' *resurfacing* kien ser jinbeda hekk kif tiġi approvata din il-varjazzjoni mid-Dipartiment tal-Kuntratti u kif jitlesta x-xogħol tad-drenaġġ ta' quddiem il-ħanut Pizza Star.

478.3.14 Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk il-bankina ta' quddiem l-entratura tal-Kunsill kinitx ser terġa' ssir mill-ġdid. Is-Sindku wieġeb fil-pożittiv.

478.3.15 Is-Sur Joseph Agius reġa' semma l-ħtieġa li tiġi rranġata Triq ix-Xgħajra ma' Triq il-Kunvent peress illi kienet sfrundat it-triq. Is-Sur Agius issuġġerixxa li l-Kunsill jitlob lill-Ministru għat-Trasport u Infrastruttura sabiex isir xogħol ta' *resurfacing* fil-parti li tgħaqqad Triq il-Kunvent ma' Triq ix-Xgħajra. Is-Sindku qal illi l-kuntratt eżistenti tar-*resurfacing* ta' Triq il-Kunvent ma kienx jinkludi il-parti li tgħaqqad Triq ix-Xgħajra ma' Triq il-Kunvent.

478.3.16 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi *Road Maintenance Services Limited,* il-kuntrattur responsabbli mix-xogħol tal-latrini fi Ġnien il-Kunsill, kien ser jeħel penali peress illi x-xogħol tal-latrini kien għadu ma tlestiex skont kif stipulat fil-kuntratt. Is-Sindku qal ukoll illi l-Perit tal-Kunsill kien bagħat *snag list* tax-xogħlijiet lil *Road Maintenance Services Limited.*

478.3.17 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi s-Sur Robert Buhagiar kien ġie sekondat mal-Kunsill. Is-Sindku qal ukoll illi s-Sur Buhagiar kien ser jgħin lill-*istaff* tal-Kunsill fix-xogħol tal-ilmenti kif ukoll jieħu ħsieb il-proġetti tal-Kunsill.

478.3.18 Is-Sindku qal illi kienet ser issir talba sabiex jiġu sekondati iktar ħaddiema mal-Kunsill u jkunu responsabbli miż-żamma, tindif u l-manutenzjoni ta' Ġnien il-Kunsill.

478.3.19 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-kuntratt ZLC 6/2015 għas-servizz ta' ġbir ta' skart goff li għandu mas-Sur Ronald Bezzina, kien ser jiskadi fil-31 t' Awwissu 2017 u l-Kunsill irid jiddeċiedi jekk iġedditx jew le dan il-kuntratt. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Vella, il-Kunsill qabel unanimament li tinħareġ sejħa ġdida għall-offerti.

478.3.20 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-kuntratt ZLC 4/2014 li l-Kunsill għandu għas-servizz ta' knis u qtugħ ta' ħaxix f'toroq urbani mas-Sur Ronald Bezzina kien ser jagħlaq fil-5 ta' Ottubru, 2017, u billi dan il-kuntratt ma jistax jiġi mġedded trid tinħareġ sejħa ġdida għall-offerti għal dan is-servizz. Fuq proposta tas-Sur Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill qabel unanimament li tinħareġ sejħa ġdida għall-offerti.

478.3.21 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttiġieg, il-Kunsill qabel unanimament li tinħareġ sejħa għall-offerti għal xiri ta' *road safety and directional accessories* u għax-xiri ta' żebgħa tat-traffiku.

478.3.22 Is-Sindku ppropona li jibdew isiru laqgħat mal-pubbliku sabiex jiġu mressqa l-proposti tal-Kunsill u l-pubbliku jkun jista' jagħti l-opinjonijiet tiegħu. Is-Sindku qal illi dawn il-laqgħat għandhom isiru għal kull żona ta' Ħaż-Żabbar. Is-Sindku qal ukoll li kienu ġew stampati l-inviti sabiex jintbgħat messaġġ informattiv lir-residenti sabiex dawn jkunu jafu x'ser jiġi diskuss matul il-laqgħa.

478.3.23 Is-Sindku talab sabiex kemm jista' jkun ma jsirux talbiet għal *road humps* f'żoni residenzjali peress illi kienu qed jidħlu ħafna lmenti minħabba nkonvenjent ta' ħsejjes li kien qed ikun hemm għar-residenti.

478.3.24 Is-Sur Joseph Buttigieg semma l-ħtieġa li ssir *road hump* fi Triq Dun Frans Buhagiar.

478.3.25 Is-Sur John J Pace semma l-ħtieġa li ssir *road hump* fi Triq tal-Labour.

478.3.26 Is-Sur Joseph Aguis qal illi r-*road hump* li kien talab sabiex issir fi Triq San Ġużepp ma kinitx f'żona residenzjali.

478.3.27 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Vella, il-Kunsill qabel unanimament li jinxtraw siġġijiet ġodda għall-uffiċini tal-Kunsill, xiri ta' *telephone set* u xiri ta' uniformi għall-impjegati tal-Kunsill.

## 478.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

478.4.1 Is-Sinjura Anna Calleja talbet li jinxtara *microwave oven* sabiex jintuża mill-*istaff* tal-Kunsill.

478.4.2 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi s-Sur Brian Busuttil kien aċċetta l-kariga ta' Segretarju Eżekuttiv mal-Kunsill.

478.4.3 Is-Sur Joseph Buttigieg reġa' semma l-ħtieġa sabiex jitwaħħlu bankijiet għall-anzjani fi Ġnien il-Kunsill.

478.4.4 Is-Sinjura Anna Calleja tkellmet dwar ir-riżultati tal-kompetizzjoni tal-figolli li kienet ġiet organizzata mis-Sotto Kumitat Familja u Tfal. Is-Sinjura Calleja qalet li r-rebbieħa kienu kif ġej : fl-ewwel post is-Sinjura Lynn Pavia, fit-tieni post is-Sur Felix Pavia u fit-tielet post is-Sinjura Francesca Muscat. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace, il-Kunsill qabel unanimament li tifkira ta' parteċipazzjoni tingħata lill-parteċipanti matul l-attività Merħba lis-Sajf. Is-Sinjura Anna Calleja talbet sabiex tingħata ukoll tifkira ta' rikonoxximent lis-Sinjura Pia Farrugia li kienet il-ġurija tal-kompetizzjoni.

478.4.5 Is-Sur John J Pace informa lill-Kunsill illi fil-21 ta' Ġunju, 2017 kienet ser issir l-attività Merħba lis-Sajf.

478.4.6 Is-Sur John J Pace reġa' talab sabiex il-Kunsill jitlob lill-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq sabiex jinbidel l-isem ta' Triq Bormla, il-parti li tagħti maż-Żejtun, peress illi f'Ħaż-Żabbar diġa kien hemm triq oħra b'dan l-isem. Is Sur Pace qal ukoll illi Triq Bormla, li qiegħda fil-viċinanzi ta' Triq il-Kittien, mhux qiegħda mniżżla fil-*GPS mapping database*.

478.4.7 Is-Sur Joseph Vella qal illi kien hemm numru ta' toroq ġodda li m'humiex qed jidhru fil-*GPS mapping database*. Is-Sur Vella tkellem dwar il-problema li tinħoloq meta tkun għadha ma saritx esproprjazzjoni tal-art peress illi jkun hemm żewġ toroq bl-istess isem.

478.4.8 Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk kienx twaħħal l-isem tat-triq fi Triq il-Kapuċċini.

478.4.9 Is-Sur Joseph Buttigieg reġa' talab sabiex jiġu *refreshed* il-*hatching lines* ta' Triq Bajada ma' Triq tal-Labour.

478.4.10 Is-Sur Joseph Buttigieg talab sabiex isir firroll ma' kull grada li hemm fil-bandli 'Ġnien il-Kunsill' minħabba sigurtà għat-tfal.

478.4.11 Fis-18.55 ta' filgħaxija s-Sinjura Anna Calleja talbet li tkun skużata.

478.4.12 Is-Sur Joseph Vella qal illi ma jaqbilx li jitwaħħlu firrolli mal-gradi li hemm fil-bandli minħabba persuni b'diżabilità.

478.4.13 Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi kien hemm *bus shelter* imkisser fi Triq Villabate fil-viċinanzi ta' Trejqet Wied ta' Mazza.

478.4.14 Fis-7.00 ta' filgħaxija is-Sur Joseph Bonnici talab li jkun skużat.

478.4.15 Is-Sur Joseph Buttigieg talab sabiex isiru *culverts* tal-ilma fi Sqaq San Vinċenz peress illi kien qed iżomm l-ilma tax-xita.

**478.5 Ħatra ta' Viċi-Sindku**

478.5.1 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace, il-Kunsill qabel unanimament li dan l-*item* jiġi diskuss f'laqgħa oħra.

**478.6 Rapport Annwali Amministrattiv 2016**

478.6.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill ir-Rapport Annwali Amministrattiv għas-sena finanzjarja Jannar – Diċembru 2016. Dan ir-rapport ġie approvat unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sur Brian Spiteri li ġiet issekondata mis-Sindku.

**478.7 Rapport tal-Udituri u Ittra ta' Direzzjoni**

478.7.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill ir-Rapport tal-Awditur għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2016 flimkien mal-Ittra ta' Direzzjoni. Fuq proposta tas-Sur John J Pace li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill approva unanimament ir-risposta għall-*Management Letter.*

**478.8 Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju ta' Kull Kwart**

478.8.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill il-*Financial Report* għall-perjodu Jannar – Marzu 2017. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace, il-Kunsill approva unanimament il-*Financial Report* għall-perjodu Jannar – Marzu 2017.

**478.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

478.9.1 Fuq proposta tas-Sur Brian Spiteri li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Vella, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn it-9 ta' Mejju 2017 u t-12 ta' Ġunju 2017 li kienet tammonta għal €47,763.21.

478.9.2 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill approva unanimament il-*petty cash expenditure* għax-xahar ta' Mejju 2017 li kien jammonta għal €110.94.

478.9.3 Is-Sur Joseph Vella qal illi l-Kunsill ġie allokat is-somma ta' €22,222.40 mill-*European Union Programme Agency* u din is-somma ġiet mgħoddija lill-Kunsill Lokali sabiex jiġi organizzat *Youth Exchange* għaż-żgħażagħ ta' bejn it-tmintax u tletin sena. Is-Sur Joseph Vella qal ukoll li dan l-iskambju għandu jsir bejn il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żabbar u l-Comune di Cesena. L-ewwel skambju ser isir bejn it-12 u t-18 ta' Lulju 2017 u ser jattendi s-Sindku, il-Kunsillieri s-Sur Joseph Vella u s-Sur Mark Grech, l-impjegata tal-Kunsill is-Sinjorina Charlene Saliba u tnax-il żgħażagħ Żabbarin attivi fil-ħajja kulturali u soċjali li lkoll għandhom inqas minn tletin sena. L-impjegata tal-Kunsill is-Sinjorina Stephanie Testaferrata de Noto u s-Sur Reuben Pullicino ser jakkumpanjaw il-grupp taż-żgħażagħ bħala *grupp leaders*.

**478.10 Mozzjonijiet**

478.10.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**478.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

478.11.1 Il-laqgħa spiċċat fis-7.10 ta' filgħaxija. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 10 ta' Lulju, 2017.

IFFIRMATA

Ranier Busuttil
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fl-479 laqgħa li saret nhar it-Tnejn 10 ta' Lulju, 2017.

IFFIRMATA

Marc Vella Bonnici
Sindku